# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tnejn 19 ta' Ġunju, 2017

**Rik. Nru. 757/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 757/17 fl-ismijiet:

**LIQUIGAS MALTA LIMITED (C – 44954)**

vs

**EASYGAS MALTA LIMITED (C – 45789)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-kumpannija intimata milli "twettaq jew tkompli twettaq kwalunkwe ksur ta' drittijiet tal-esponenti taħt l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13) u taħt l-artikolu 9 u 10 tal-Att dwar it-*Trademarks* (Kap 416), partikolarment illi l-kumpannija intimata tinżamm milli tbigħ, toffri, tesponi għall-bejgħ, toħroġ fis-suq jew taħżen għal dawk l-għanijiet, timporta, tesporta, tirreklama, tippromwovi, u/jew tikkummerċjalizza prodotti, senjatament ċilindri bil-kulur aħdar jew *liquid petrolium gas* kontenut ġewwa ċilindri

bil-kulur aħdar jew toffri, tforni, tirreklama, tippromwovi, u/jew tikkummerċjalizza xi servizz permezz ta' ċilindri bil-kulur aħdar";

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Mejju, 2017, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata[1] u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata fit-2 ta' Ġunju, 2017, li biha laqgħet għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi qalet li ma jeżistux l-elementi li l-liġi titlob sabiex jista' jinħareġ il-Mandat mitlub għaliex mhux biss il-jedd pretiż ma jidhirx mad-daqqa t'għajn, iżda talli r-rikorrenti lanqas biss tiddefinixxi fiex jikkonsisti l-pretiż jedd. Minbarra dan, jonqsu wkoll l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat u l-fondatezza tal-ilmenti li fuqhom ir-rikorrent tibbaża t-talba tagħha. B'mod partikolari tgħid li l-kumpannija rikorrenti ma tistax tippretendi esklussivita' fuq kull ħaġa li hija ta' lewn aħdar jew ta' kull sfumatura ta' dak il-lewn. Iżżid tgħid ukoll li ċ-ċilindri tagħha huma għal kollox differenti minn dawk li tuża l-kumpannija rikorrenti kemm f'dak li jirrigwarda s-sura tagħhom, id-disinn u kif ukoll it-toqol għaliex magħmulin minn materjal li huwa eħfef bil-bosta mill-materjal li jintuża fiċ-ċilindri tal-kumpannija rikorrenti, minbarra li kull wieħed miċ-ċilindri tal-kumpannija intimata jġorru l-"*logo*" tagħha b'mod li jidher bla diffikulta' minn min jarah u b'hekk ma tista' tinħalaq l-ebda konfużjoni f'moħħ il-konsumatur. Fuq kollox, tgħid li lanqas jeżisti l-element tal-irrimedjabilita' tal-ħsara li l-kumpannija rikorrenti tgħid li qiegħda ġġarrab, għaliex l-aktar li r-rikorrenti tista' ġġarrab huma danni kwantifikabbli f'kumpens fi flus;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2017, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

## *Ikkunsidrat:*

Illi tqis li r-rikorrenti qegħda titlob li l-Qorti żżomm lill-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "Easygas") milli b'xi mod tinqeda fin-negozju

---

[1] Il-kumpannija intimata laqgħet in-notifika fit-23 ta' Mejju, 2017

tagħha b'xi ċilindri li jġorru l-*liquid petrolium gas* (LPG) li jiksru l-jeddijiet tagħha dwar konkorrenza żlejali taħt l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jew tad-drittijiet tagħha fuq il-marka tal-kummerċ ('*trademark*') li hija tgawdi taħt l-artikoli 9 u 10 tal-Att dwar it-*Trademarks*[2];

Tqis li kemm il-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "Liquigas") u kif ukoll Easygas huma operaturi fis-suq Malti fil-kummerċ u l-bejgħ bl-imnut ta' LPG f'ċilindri, magħduda dawk għal użu domestiku u kummerċjali, li japartjenu lir-rispettivi kumpanniji;

Tqis li sa minn Novembru tal-2014, Liquigas tgawdi l-proprjeta' ta' marki figurattivi mal-Uffiċċju għall-Proprjeta' Industrijali f'Malta dwar ċilindri tal-gass ta' lewn aħdar, u dan kemm dwar l-istess ċilindri, il-gass li huma mimlijin bih u wkoll dwar is-servizz ta' bejgħ tal-gass fl-imsemmija ċilindri[3];

Tqis li, minn xi żmien 'l hawn madwar il-bidu tax-xahar ta' Mejju ta' din is-sena, Easygas qiegħda tirreklama l-bejgħ ta' LPG minn ċilindri tagħha li għandhom qafas ta' lewn aħdar u tal-*fibre* [4], minbarra jew minflok iċ-ċilindri ta' lewn griż li sallum kienet tikkumerċja bihom f'Malta;

Tqis li Liquigas tgħid li bejn iċ-ċilindri tagħha u dawk il-ġodda li qed tuża Easygas hemm xebh ċar "tal-libsa tal-prodotti użata fil-kummerċ" tagħha "biex b'hekk hemm il-potenzjalita' ta' konfużjoni min-naħa tal-konsumatur" l-iżjed minħabba l-fatt li l-konsumatur jorbot il-lewn aħdar mal-prodotti tagħha;

Tqis, madankollu, li l-lewn waħdu taċ-ċilindri ma jidentifikax min huwa s-sid tagħhom, "iżda hu biss indikattiv għax il-proprjetarju hu dak li għandu ċ-ċertifikazzjoni bin-numru taċ-ċilindru u l-isem stampat fuqu"[5];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[6];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li

---

[2] Att XVI tal-2000 (Kap 416)
[3] Dokti "B", "Ċ" u "D", f'paġġ. 4 – 10 tal-atti
[4] Dok "F", f'paġġ. 21 sa 21 tal-atti
[5] P.A. MCH **5.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Liquigas Malta Ltd vs Easygas Malta Ltd*** (appellata)
[6] Art. 873(1) tal-Kap 12

r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[7]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[8];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[9]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd mad-daqqa t'għajn li Liquigas issejjes fuqu t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak tat-tħaris tal-proprjeta' (intellettwali) tagħha fuq il-prodotti tagħha u l-ħarsien minn imġiba abbużiva ta' terzi li jistgħu jippruvaw jikkummerċjaw b'qerq għall-interess tagħha;

Tqis li tali jedd jirriżulta sostnut mil-liġi u l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-għaref difensur ta' Liquigas meta jgħid li l-marka ta' kummerċ tagħti jeddijiet proprjetarji, mhux daqstant bil-fatt li tkun marka reġistrata, imma bil-fatt li l-oġġett tagħha jnissel dak il-jedd. Dan il-jedd jeżisti f'rabta mal-istennija li l-konsumatur jagħmel ma'

[7] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[8] Art. 875(3) tal-Kap 12
[9] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

impriża partikolari li tkun tmexxi tali prodott fuq is-suq u l-fiduċja li l-istess konsumatur ikollu fil-prodotti ta' dik l-impriża. Dan qiegħed jingħad bla ma l-Qorti tidħol fil-kwestjoni dwar jekk huwiex minnu li ċ-ċilindri l-ġodda ta' Easygas iwasslux tabilħaqq biex iqarrqu b'konsumatur ta' dehen normali li mingħalih qiegħed jikseb prodott ta' Liquigas (għaliex dan huwa eżerċizzju li ma jistax isir mad-daqqa t'għajn fi proċedura bħal din għall-ħruġ tal-Mandat), kif tallega Liquigas;

Tqis li għalhekk Liquigas seħħilha turi li għandha jedd '*prima facie*' li jitlob ħarsien skond il-liġi;

Tqis li, safejn jirrigwarda l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat, dan jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[10]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[11], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[12];

Tqis li Liquigas tgħid li hija ma għandha "ebda rimedju adegwat għal ħsara li tista' ssofri" jekk iċ-ċilindri l-ġodda ta' Easygas "jitħallew jiċċirkolaw fis-suq";

Tqis li, kif sewwa issottomettiet Easygas fit-Tweġiba tagħha u l-għaref difensur fis-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti, il-ħsara li Liquigas tgħid li ġġarrab bi ksur tal-jedd li wriet li għandha mad-daqqa t'għajn hija ħsara li f'kull każ tista' tiġi kwantifikata b'mod matematikament preċiż bħala dannu jew penali, jekk tassew jinsab li tabilħaqq li ċ-ċilindri l-ġodda tagħha jiksru l-jeddijiet ta' Liquigas;

Tqis li huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għall-kumpens kwantifikabbli u l-ħlas tad-danni[13] meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skond il-liġi;

[10] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[11] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[12] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***
[13] Ara P.A. NC **11.3.2003** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali Kuntratti et***

Tqis li r-rimedji li l-liġi tagħti lil Liquigas f'każ ta' sejbien ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom issejjes il-jedd mad-daqqa t'għajn tagħha (kemm taħt il-Kap 13 u kif ukoll taħt il-Kap 416) huma rimedji sħaħ u reintegrativi u ma jeħtiġux li l-qagħda tkun inżammet "iffriżata" bil-ħruġ tal-Mandat mitlub. Dawn ir-rimedji jimmilitaw kontra l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat mitlub, kif issemma aktar qabel;

Tqis għalhekk li ma jirriżultax l-element tal-ħtieġa tal-Mandat mitlub;

Tqis li ladarba ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, u b'mod partikolari billi ma jirriżultax li Liquigas uriet li teżisti l-ħtieġa għall-ħruġ tiegħu, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-18 ta' Mejju, 2017, safejn kienet laqgħet it-talba tal-kumpannija rikorrenti b'mod provviżorju; u

**Tordna** li l-kumpannija rikorrenti tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, id-19 ta' Ġunju, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**